REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/1324

tad-29 ta' Ġunju 2023

li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u r-Regolament (UE) 2023/194 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 ([1]) jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Il-qabdiet totali permissibbli (TACs) u l-miżuri marbuta mat-TACs b'mod funzjonali, stabbiliti bir-Regolament (UE) 2023/194 jenħtieġ li jiġu emendati biex titqies il-pubblikazzjoni tal-parir xjentifiku kif ukoll l-eżiti tal-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi terzi.

(2) Ir-Regolament (UE) 2023/194 jistabbilixxi għal żero t-TAC għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fis-subżoni 9 u 10 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 34.1.1 tal-Kumitat għas-Sajd fl-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF) għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024, sakemm l-ICES jippubblika l-parir xjentifiku tiegħu għal dak l-istokk għal dak il-perjodu. Sabiex is-sajd ikun jista' jkompli sakemm tiġi stabbilita t-TAC definittiva għal dak l-istokk abbażi ta' dak il-parir xjentifiku, jenħtieġ li t-TAC proviżorja tiġi stabbilita fil-livell ta' 4 564 tunnellata għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Settembru 2023. Dak il-livell jikkorrispondi għall-qabdiet ta' dak l-istokk fit-tielet trimestru tal-2022.

(3) Fit-12 ta' Mejju 2023, l-Unjoni, ir-Renju Unit u n-Norveġja kellhom konsultazzjonijiet dwaril-livell tal-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) fis-subżona 4 u d-diviżjoni 3a tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024, kif ukoll dwar il-livell tat-TACs għal-laċċa kaħla għal dak il-perjodu fl-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit tas-subżona 4 u tad-diviżjoni 2a tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi tad-diviżjoni 3a tal-ICES. Dawk il-konsultazzjonijiet saru abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni approvata mill-Kunsill fl-4 ta' Mejju 2023. Għaldaqstant, jenħtieġ li dawk it-TACs rilevanti jiġu stabbiliti fil-livelli miftiehma mar-Renju Unit u n-Norveġja.

(4) Fl-4 ta' Mejju 2023, l-Unjoni u r-Renju Unit kellhom konsultazzjonijiet dwar il-livell tat-TAC għal-laċċa kaħla fl-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit tad-diviżjonijiet 7d u 7e tal-ICES għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024. Dawk il-konsultazzjonijiet twettqu skont l-Artikolu 498(2), (4) u (6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni ([2]) u abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni approvata mill-Kunsill fis-27 ta' April 2023. L-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'Rekord bil-Miktub. Għaldaqstant, jenħtieġ li dik it-TAC tiġi stabbilita fil-livell miftiehem mar-Renju Unit.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).

([2]) Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10).

(5) Minħabba li, fir-rigward ta' diversi stokkijiet, jew il-bijomassa tagħhom hija taħt il-limitu tal-punt ta' referenza tal-bijomassa ("B_{lim}") inkella l-ICES ma jiddefinixxix punti ta' referenza għall-konservazzjoni iżda jirrakkomanda qabdiet żero jew li jiġi sospiż is-sajd fil-mira, jenħtieġ li fl-2023 tiġi pprojbita l-flessibbiltà minn sena għal sena skont l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 ([3]).

(6) Il-kodiċijiet għal diversi kondizzjonijiet rigward il-kwoti Norveġiżi taħt it-TACs inklużi fil-Parti B tal-Anness IA tar-Regolament (UE) 2023/194, li jistabbilixxu f'liema żoni n-Norveġja tista' tistad il-kwantitajiet disponibbli għaliha, huma neqsin jew mhumiex korretti. L-Anness IA għal dak ir-Regolament għaldaqstant jenħtieġ li jiġu emendati.

(7) L-Artikoli 15 u 17 tar-Regolament (UE) 2022/2056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jipprojbixxu li jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat, jew jinħażen fuq bastiment tas-sajd jew li jinħatt l-art kwalunkwe kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku (*Carcharhinus longimanus*) jew kwalunkwe tawru seta (*Carcharhinus falciformis*) kemm bħala partijiet ta' karkassa kif ukoll bħala karkassa sħiħa, fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC). Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-istess suġġett, huwa xieraq li jitħassar l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2023/194.

(8) Skont diversi rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), l-Unjoni tista', fuq talba, tittrasferixxi perċentwal tal-kwota mhux użata tagħha tal-istokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT mis-sena ta' qabel tal-aħħar jew mill-aħħar sena qabel sena partikolari, skont ir-regoli għal kull stokk tal-ICCAT kif stipulati mill-ICCAT. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 ([5]) u r-Regolament (UE) 2023/194 jistabbilixxu l-kwoti tal-Unjoni għall-istokkijiet tal-ICCAT għall-2022 u għall-2023 rispettivament skont l-eżitu tal-laqgħa annwali tal-ICCAT fis-sena preċedenti, u dawn iqisu t-trasferimenti tal-kwoti tal-Unjoni mhux użati, fejn applikabbli. Jenħtieġ li ma jkunx possibbli li dawk ir-riporti jiġu kkombinati mat-trasferimenti tal-kwoti skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u għalhekk jenħtieġ li l-użu ta' tali trasferimenti jkun ipprojbit għal dak il-perjodu.

(9) Ħames Stati Membri bagħtu l-modifiki fil-pjan ta' ġestjoni tat-trobbija tagħhom lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). Abbażi ta' dawk il-modifiki, il-Kummissjoni bagħtet il-pjan ta' ġestjoni tat-trobbija tal-Unjoni modifikat għall-2023 lis-Segretarjat tal-ICCAT fid-9 ta' Mejju 2023 u l-ICCAT ippubblikat dawk il-modifiki għall-pjan tal-Unjoni fil-11 ta' Mejju 2023. L-input u l-kapaċità massimi tat-trobbija tal-Unjoni jenħtieġ li għaldaqstant jiġu emendati f'konformità ma' dawk il-modifiki.

(10) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) 2023/194 u (UE) 2022/109 jiġu emendati skont dan.

(11) Sabiex is-sajd ikun jista' jkompli fl-1 ta' Lulju 2023 u lil hinn, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mingħajr dewmien.

(12) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jemendaw ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2023/194 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2023, bi qbil mal-perjodu ta' applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet emendati. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-inċova, il-gamblu tat-Tramuntana u l-laċċa kaħla u t-tħassir tal-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2023/194 jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Lulju 2023. Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw l-ICCAT u li jemendaw ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2022/109 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022, bi qbil mal-perjodu ta' applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet emendati. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, peress li jew l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati jiżdiedu b'dawk l-emendi inkella l-kwantitajiet rilevanti għadhom ma ġewx ittrasferiti skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96,

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2022/2056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli fiż-Żona tal-Konvenzjoni dwar is-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 276, 26.10.2022, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 1).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 1).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194

Ir-Regolament (UE) 2023/194 huwa emendat kif ġej:

(a) l-Artikolu 45 jitħassar;

(b) l-Annessi IA u ID huma emendati f'konformità mal-Anness I għal dan ir-Regolament;

(c) l-Anness VI huwa emendat f'konformità mal-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109

L-Anness ID tar-Regolament (UE) 2022/109 huwa emendat f'konformità mal-Anness III għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023. Madanakollu:

(a) l-Artikolu 2 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022;

(b) l-Artikolu 1, il-punt (a), għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2023;

(c) fl-Anness I, il-punt 1 u l-punt 2, is-subpunti (a) u (b) għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL

ANNESS I

L-Annessi tar-Regolament (UE) 2023/194 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness IA:

(a) fil-Parti A, it-tabella għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

Speċi:	Inċova *Engraulis encrasicolus*		Żona:	9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (ANE/9/3411)
"Spanja	2 183	(1)	TAC prekawzjonarja	
Portugall	2 381	(1)		
Unjoni	4 564	(1)		
TAC	4 564	(1)		
(1)	Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Settembru 2023."			

(b) fil-Parti B, it-tabelli għall-istokkijiet elenkati hawn taħt huma sostitwiti b'dan li ġej::

(i) it-tabella għal-laċċa kaħla u qabdiet aċċessorji assoċjati (*Sprattus sprattus*) fid-diviżjoni 3a tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

Speċi:	Laċċa kaħla u qabdiet aċċessorji assoċjati *Sprattus sprattus*		Żona:	3a (SPR/03A.)
"Danimarka	17 608	(1)(2)(3)	TAC analitika	
Ġermanja	37	(1)(2)(3)		
Żvezja	6 662	(1)(2)(3)		
Unjoni	24 307	(1)(2)(3)		
TAC	26 278	(2)		
(1)	Sa 5 % tal-kwota tista' tikkonsisti minn qabdiet aċċessorji tal-merlangu u tal-merluzz tal-linja sewda (OTH/*03A.). Flimkien, il-qabdiet aċċessorji tal-merlangu u tal-merluzz tal-linja sewda li jinqatgħu mill-kwota skont din id-dispożizzjoni, u l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet li jinqatgħu mill-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, ma għandhomx jaqbżu 9 % tal-kwota.			
(2)	Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024.			
(3)	Jistgħu jsiru trasferimenti ta' din il-kwota lejn l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni taż-żoni 2a u 4. Madankollu, il-Kummissjoni u r-Renju Unit għandhom ikunu mgħarrfa minn qabel dwar tali trasferimenti."			

(ii) it-tabella għal-laċċa kaħla u qabdiet aċċessorji assoċjati (*Sprattus sprattus*) fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit fid-diviżjoni 2a tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

Speċi:	Laċċa kaħla u qabdiet aċċessorji assoċjati *Sprattus sprattus*		Żona:	l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4; l-ibħra tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a (SPR/2AC4-C)
"Belġju	1 221	(1)(2)	TAC analitika	
Danimarka	96 624	(1)(2)		
Ġermanja	1 221	(1)(2)		
Franza	1 221	(1)(2)		
Netherlands	1 221	(1)(2)		
Żvezja	1 330	(1)(2)(3)		
Unjoni	102 838	(1)(2)		
Norveġja	10 000	(1)		
Gżejjer Faeroe	0	(1)(4)		
Renju Unit	4 482	(1)		
TAC	117 320	(1)		

(1) Il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024.

(2) Sa 2 % tal-kwota tista' tikkonsisti minn qabdiet aċċessorji tal-merlangu (OTH/*2AC4C). Flimkien, il-qabdiet aċċessorji tal-merlangu li jinqatgħu mill-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet li jinqatgħu mill-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbżu 9 % tal-kwota.

(3) Inkluż iċ-ċiċċirell.

(4) Din jista' jkun fiha sa 4 % ta' qabdiet aċċessorji tal-aringa.""";

(iii) it-tabella għal-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) fid-diviżjonijiet 7d u 7e tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

Speċi:	Laċċa kaħla *Sprattus sprattus*		Żona:	7d u 7e (SPR/7DE.)
"Belġju	5	(1)	TAC analitika	
Danimarka	341	(1)		
Ġermanja	5	(1)		
Franza	73	(1)		
Netherlands	73	(1)		
Unjoni	497	(1)		
Renju Unit	1 940	(1)		
TAC	2 437	(1)		

(1) Il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024."

(c) fil-Partijiet B u F, f(i) it-tabelli għall-aringa (*Clupea harengus*) fid-diviżjonijiet 7a tal-ICES fin-nofsinhar ta' 52°30'N, 7g, 7h, 7j u 7k; (ii) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*) fid-diviżjonijiet tal-ICES 7b, 7c, 7d, 7e, 7f, 7g, 7h, 7j u 7k; (iii) għal-linarda (Molva dypterygia) fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 12 tal-ICES; (iv) għal-linarda fl-ilmijiet tar-Renju Unit u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 2 tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES; (v) għal-linarda fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES; għall-gamblu tat-Tramuntana (Pandalus borealis) fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 2a tal-ICES; u (vii) għall-paġella ħamra (Pagellus bogaraveo) fis-subżoni 6 7 u 8 tal-ICES, jiddaħħal dan li ġej:

"Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.

Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.";

(d) fil-Parti B:

(i) fin-nota 2 f'qiegħ il-paġna tat-tabella għall-aringa (*Clupea harengus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni, tar-Renju Unit u dawk Norveġiżi tas-subżona 4 tal-ICES fit-Tramuntana ta' 53°30' N, il-kodiċi huwa sostitwit b'dan li ġej:

"HER/*04B-C";

(ii) fin-nota 2 f'qiegħ il-paġna tat-tabella għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*) fis-subżona 4 tal-ICES; l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES, il-parti tad-diviżjoni 3a li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat, fl-aħħar tal-ewwel sentenza, jiddaħħal il-kodiċi li ġej:

"(COD/*3AX4-EU)";

(iii) fin-nota 2 f'qiegħ il-paġna tat-tabella għall-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*) fis-subżona 4 tal-ICES, l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES, fi tmiem l-ewwel sentenza, jiddaħħal il-kodiċi li ġej:

"(HAD/* 04-UE)";

(iv) fin-nota 1 f'qiegħ il-paġna tat-tabella għall-merlangu (*Merlangius merlangus*) fis-subżona 4 tal-ICES, l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES, fi tmiem l-ewwel sentenza, jiddaħħal il-kodiċi li ġej:

"(WHG/*04-EU)";

(v) fin-nota 4 f'qiegħ il-paġna tat-tabella għall-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*) fl-ilmijiet tar-Renju Unit, dawk tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 tal-ICES, "2a," jitħassar u, fl-aħħar tas-sentenza, jiddaħħal il-kodiċi li ġej:

"(WHB/*46AB7-EU)";

(vi) fin-nota 5 f'qiegħ il-paġna tat-tabella għall-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*) fl-ilmijiet tar-Renju Unit, dawk tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 tal-ICES, "2a," titħassar u, wara "12°W", jiddaħħal il-kodiċi li ġej:

"(WHB/*46AB7)";

(vii) fin-nota 1 f'qiegħ il-paġna tat-tabella għall-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) fis-subżona 4 tal-ICES; l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES; il-parti tad-diviżjoni 3a li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat, fl-aħħar tal-ewwel sentenza, jiddaħħal il-kodiċi li ġej:

"(PLE/*3AX4-EU)".

(2) fl-Anness ID, fit-tabelli għal: (i) alonga tat-Tramuntana (*Thunnus alalunga*) fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N; (ii) alonga tan-Nofsinhar fl-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar ta' 5° N; (iii) tonn obeż (*Thunnus obesus*) fl-Oċean Atlantiku; (iv) pixxispad (*Xiphias gladius*) fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N; u (v) pixxispad fl-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar ta' 5° N, jiddaħħal dan li ġej:

"Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.

Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.".

ANNESS II

Fl-Anness VI għar-Regolament (UE) 2023/194, il-punt 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-kapaċità massima tat-trobbija u tat-tismin tat-tonn għal kull Stat Membru u l-input massimu tat-tonn maqbud fis-selvaġġ li kull Stat Membru jista' jalloka lill-farms tiegħu fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

Tabella A

Kapaċità massima tat-trobbija u tat-tismin tat-tonn		
	Għadd ta' farms	Kapaċità (f'tunnellati)
Greċja	2	2 100,00
Spanja	4	11 852,00
Kroazja	4	7 880,00
Italja	2	9 370,00
Ċipru	0	0
Malta	6	16 579,65
Portugall	2	500,00

Tabella B

Ammont massimu ta' tonn maqbud fis-selvaġġ (f'tunnellati)	
Greċja	649,00
Spanja	8 237,93
Kroazja	2 947,00
Italja	1 100,00
Ċipru	0
Malta	11 842,61
Portugall	350,00"

ANNESS III

Fl-Anness ID tar-Regolament (UE) 2022/109, fit-tabelli għal: (i) alonga tat-Tramuntana (*Thunnus alalunga*) fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N; (ii) alonga tan-Nofsinhar fl-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar ta' 5° N; (iii) tonn obeż (*Thunnus obesus*) fl-Oċean Atlantiku; (iv) pixxispad (*Xiphias gladius*) fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N; u (v) pixxispad fl-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar ta' 5° N, jiddaħħal dan li ġej:

"Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.

Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.".